**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 06/2024**

25 ta' Marzu 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius - Sindku
Noyah Spiteri Hammett - Vici-Sindku
James Cauchi - Kunsillier
Martin Vella - Kunsillier
Melanie Agius - Kunsilliera
Johann Scerri - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Nil**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 06.1 Qari ta’ ittri ta’ apoloġija

Ma kienx hemm

**06.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta’ minuti**

Id-deputat segretarju eżekuttiv bagħtet il-minuti numru 2,3 u 4 permezz ta’imejl fejn ġew approvati mil-kunsillier is-Sur James Cauchi u ġew is-sekondati mis-Sur Johan Scerri. Id-deputat segretarju eżekuttiv bagħtet il-minuti numru 5 ukoll permezz ta’ imejl u ġew moqrija fis-seduta. Il-Minuti numru 5 ġew approvati mill-kunsilliera James Cauchi u approvati mil-kunsilliera is-Snj. Mellanie Agius Attard.

**06.3 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**06.3.1** Is-sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li fis-6 ta’ Marzu 2024 iltaqa’ ma l-Onor. Glenn Bedingfield u s-Sur Ramon Deguara fl-uffiċċini tal-Cleansin Department f’ Ħal-Luqa fejn ġie diskuss li tingħata sweeper lil Kunsill ta’ Bormla u jekk il-kunsilliera japprovaw u jkun hemm qbil it-tender tal-knies jieħdu f’ idejn id-dipartiment tal-Cleansing u l-allokazzjoni għal-knies tgħaddi għand il-Cleansing Department. F’ Dan ir-rigward kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti li l-knies tal-Kunsill Lokali ta’ Bormla jagħaddi f’idejn il-Cleansing Department.

**06.3.2** Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li kellu laqgħa ma Dr.Anne Marie Cutajar dwar l-appell ta’ Yami Yami. Is-Sindku flimkien mad-deputat segretarju eżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel attendew għall-ewwel laqgħa fil-qorti mal-avvukat Dr. Dalli fejn ġiet aġġornata għas-16 ta’ mejju 2024.

**06.3.3** Is-Sindku issuġġerixa li kif ingħata ġieħ għal Jum il-Mara fit-8 ta’ Marzu jistiednu fil-kunsill lis-Sinj. Rodianne Spiteri bħala rikonoximent mill-kunsill kollu sabiex tingħata tifkira mill-kunsill.

**06.3.4**

Is-Sinkdu ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li fl-20 ta’ Marzu 2024 infetħet il-wirja tal-Art Exhibition ġewwa l-każin tal-banda.

**06.3.5**

Is-Sindku ikkomunika li fil-21 ta’ Marzu 2024 infetħet il-mejda tal-appostli Domus Pio IX fejn il-kunsilliera kollha kienu mistiedna.

**06.4**

**06.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsilliera**

Is-Sindku / Deputat Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Isla
2/4, Triq San Gużepp
Isla

Jiena Martin Vella nixtieq nistaqsi jekk il-Kappella ta' San Ġwann T'Għuxa hux devoluta lil-Kunsill ta' Bormla sabiex il-kunsill ikun jista jagħmel xi proġetti f' din il-kappella.

Id-deputat Seg Eżekutiiv qed tistennna mil-Lands Department fejn ikkomunikat mas-Sinj. Catherine Fenech sabiex tgħaddilha l-informazzjoni dwar id-devoluzzjoni ta'dinil-kappella.

**06.4.2**

Is-Sindku / Deputat Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Isla
2/4, Triq San Gużepp
Isla

Jiena Rita Gatt nixtieq nistaqsi jekk il-kunsill jistax jibdell il-plakka tat-triq Mariano Gerada għaliex hija mkissra.

Id-deputat Seg Eżekutiiv wieġbet li ser tgħid lil-uffiċjju sabiex jibgħatu kwotazzjoni biex tinbidel din il-plakka.

**06.4.3**

Is-Sindku / Deputat Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Isla
2/4, Triq San Gużepp
Isla

Jiena Johan Scerri nixtieq nistaqsi jekk tistax tinbidell it-tabella għat-trakkijiet fi Pjazza Gavino Gulia u issir akbar

Id-deputat Seg Eżekutiiv ser tara jekk din tistax tinbidel mill-kuntratturi tat-tabelli.

**06.5**

**06.5.1 Approvazzjonijiet ta' Skedi ta' ħlasijiet**

Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta'pagamenti numru 3/2024 u l-petty cash għax-xahar ta' Frar 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew approvati mill-kunsillier is-sur Johan Scerri u s-sekondati mis-Sur James Cauchi.

**06.6**

**06.6.1** **Mozzjonijiet ( Mozzjonijiet numru 05/2024; 06/2024; 07/2024; 08/2024)**

**Mozzjoni Numru 05/2024**

Is-Sinkdu s-Sur Marco Agius qed jgħaddi mozzjoni li l-art ta' quddiem l-iskola primarja tiġi devoluta taħt il-kunsill lokali ta' Bormla u qed jitlob il-perit tal-kunsill sabiex iħejji pjanta għal-istess proġett biex jitranġa l-ġnien kemm bħala sigurta u kif ukoll biex jintuża mit-tfal tal-iskola.

Saret addenda sabiex tiġi irranġata il-letirna u t-taraġ jiġi ttranġat mill-public works.
Is-Sinj. Noyah is-sekondat din il-mozzjoni.
**06.6.2** Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**Mozzjoni Numru 06/2024**

Is-Sinkdu s-Sur Marco Agius qed jgħaddi mozzjoni biex ikun hemm puluzija jgħin lil anzjani jaqsmu it-triq fejn il-BOV minn fejn l-għassa bejn it-8.30am u l-11.00am

Is-Sinj. Noyah is-sekondat din il-mozzjoni.

Wara diskussjoni il-kunsilliera ma qablux dwar dan għaliex l-għassa hija miftuħa 24 siegħa u għalhekk għandha tintbgħat imejl l-għassa sabiex bejn ħin u ieħor l-puluzija li jkun barra l-għassa jara jekk hemmx il-bżonn li jgħin lil anzjani jaqsmu għan-naħa tal-bank peress li zebra crossing qeda aktar il-fuq.

**06.6.3**

**Mozzjoni Numru 07/2024**

Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella qed jgħaddi mozzjoni sabiex jitlob lit-TM tikkunsidra li l-mina li hemm bejn Bormla u l-Fgura fi Triq L-Immakulata tiġi One Way għaliex il-kunsill kien talab li tinfetaħ il-mina li hemm ħdejha u issa ittiħdet minn għaqda fil-Fgura, il-periklu biex jgħaddu n-nies għadu hemm u jekk ma jsirx xi ħaġa ser tiġri xi diżgrazzja.

Is-Sinj. Noyah is-sekondat din il-mozzjoni.

Wara diskussjoni is-sur Martin Vella xtaq li jiverbalizza din il-mozzjoni fejn talab li l-kunsill jitkellem mal-lands dwar il-Mina ta' Triq l-Immakulata fejnin-nies kienu jgħaddu minn taħt din il-mina minħabba periklu. Qed jitlob li jekk hi okkupata minterzi l-lands toffri post alternattiv lil dawn it-terzi fejn jistgħu joperaw għaliex qatt ma kien hemm konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Bormla.

Is-Sinj. Noyah is-sekondat din il-mozzjoni.
Il-Kunsilliera qablu b'vot unanimu dwar din il-mozzjoni.

**06.6.4**

**Mozzjoni Numru 08/2024**

Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella qed iressaq mozzjoni dwar bollards li hemm imwaħħlin fi Triq ix-xatt eżatt wara l-AUM għalhekk qedjitlob lil kunsill biex il-bollards li hemm jiġu kollha fit-tarf tal-bankina kif qeda l-ewwel waħda fir-ritratt.

Is-Sinj. Noyah is-sekondat din il-mozzjoni.

**06.7** Il-Kunsilliera qablu b'vot unanimu dwar din il-mozzjoni.

**Sejħiet għall-Offerti**

Sejħiet għall-offerti ma kienx hemm.

Id-deputat segretarju eżekuttiv talbet lil kunsill jekk jaqblux li t-tenders fil-futur għandhom jinkitbu u jiġu ikkonsultati mis-Sur Duncan Hall u kull tender li tkun ser tinħareġ tingħata deadline sabiex wara l-approvazzjoni tal-kunsill id-dokumenti jiġu ippraparati u imtellgħin fis-sistema tal-EPPS.

**06.08** Il-Kunsilliera qablu unanimament.

**Impjieg tas-Segretrju Eżekuttiv**

Il-Kunsilliera iddiskutew sabiex tinħareġ sejħa uffiċjalment għall-segretrju eżekuttiv

**06.09** permanenti mid-dipartiment għall-gvern lokali wara l-elezzjoni fix-xahar ta' Ġunju.

**06.09.1 Cospicua Short Play Festival 2024**

Wara diskusjoni twila dwar min ser jieħu ħsieb dan il-festival il-viċi sindku is-sinj. Noyah Spiteri Hammett proponiet li is-Sur Jason Zerafa ikun il-persuna li għandu jieħu ħsieb dawn il-plays qosra fil-festival ta' Bormla għal din is-sena għaliex is-sena l-oħra kien ta' suċċess. Il-kunsillier is-Sur Johan Scerri issekonda din il-proposta u b'vot favur mis-sindku is-Sur Marco Agius, mill-kunsilliera is-Sinj. Mellanie Agius Attard, il-kunsillier is-Sur James Cauchi u l-kunsilliera is-Sinj. Rita Gatt.

Is-Sur Martin Vella sejjaħ għall kontra proposta fejn qal:

Jiena Martin Vella minkejja li diġa ittieħdet deċiżjoni mil-kunsill jiena Martin Vella qed niproponi li jiġu avviċinati is-Sur Pierre Buġeja u is-Sur Joseph Galea.

Id-deputat segretarju eżekuttiv staqsiet min ser jissekonda iżda ma kienx hemm sekondant għalhekk din il-proposta tiġi null.

Is-Sinj. Mellanie Agius Attard talbet li tiġi skużata mis-seduta u ħarġet fis-7.10pm
Is-Sur James Cauchi ħareġ mis-seduta fis-7.15pm

**06.10**

**Proġett ta' playingfield – Verdala Barracks**

**06.10.1**

Id-deputat segretarju eżekuttiv wara diskussjoni mas-segretarju eżekuttiv preċedenti s-Sur Dunca Hall ġie diskuss li qed jinġabru kwotazzjonijiet dwar dan il-
**06.10.2** proġett għar-railings madwar id-dawra tal-playing field, il-bandli u l-bankijiet.

Id-deputat segretrarju eżekuttiv iddiskutiet ukoll mas-Sur Duncan Hall dwar il-bandli ta' Pjazza Margherita fejn dan ser jiġi jiswa madwar 80,000 ewro fejn irrid jinbiddel ir-rubber u l-bandli stess għalhekk id-deputat ser titkellem mal-perit dwar dan it-
**06.10.3** tender.

Id-deputat segretrarju eżekuttiv iddiskutiet ukoll mas-Sur Duncan Hall dwar il-bandli ta' Triq San Ġwann fejn is-sur Duncan Hall ikkonferma li dan it-tender ġie evalwat u l-għaxa t'ijiem tal-appell għaddew għalhekk hemm bżonn li intbgħat għall kuntrattur sabiex jagħmel il-kuntratt u l-garanzija.

**06.11**

**Triq Wiġi Rosato – aġġornament u arranġamenti**

Id-deputat segretarju eżekuttiv staqsiet f'hiex wasal dan il-proġett mill-Infrastructure Malta sabiex il-kunsill jara kif ser jitmexxew is-servizzi pubbliċi u kif ser jintlaħaq s-servizz tad-day care centre u servizzi oħra meta ser tinbeda t-triq
**06.12** għalhekk ser titlob laqgħa mal-perit Noel Gauci.

**Każ Yama Yami Ltd vs Kunsill Lokali Bormla**

Dan il-każ ser jinstema għall-ewwel darba fil-qorti fis-16 ta' Mejju 2024 fejn l-avukat
**06.13** tal-kunsill Dr. Dalli ser jieħu ħsieb dan il-każ.

**06.13.1 Rapporti**

Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet it-talba tas-Sinjuri Gauci fejn qed jitolbu approvazzjoni sabiex issir rampa fi Triq il-Mitħna biex ikunu jistgħu itellgħu il-materjal u jaħdhmu l-kuntratturi u wara li jitlesta ix-xogħol ir-rampa titneħħa u dik li hemm eżistenti tiġi aktar livellat skond il-linji gwidi tal-KNPD, dan ix-xogħol kollu għas-spejjeż tas-sidien tal-Guest House fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ġa la darba dan it-taraġ jibqa' fl-istat li hu jew ikun għall aħajr.

Talbu wkoll li sakemm il-kuntrattur qed jaħdem jingħalaq l-isqaq bil-barrikati biex ma jkunx hemm periklu li jaqa' xi ħaġa fuq il-pedonali. Is-sidien ta' din il-Guest House

06.13.2 indikaw li hemm aċċess ieħor għall-pedonali. Il-Kunsilliera qablu ma dawn il-barrikati sakemm issir ix-xogħol.

Id-deputat segretarju eżekuttiv resqgħet talba minn għand residenta fi Triq John Pace fejn qed tilminta li għandha t-tieqa baxxa u mhux qeda sikura minħabba li jipparkjaw il-karozzi fuq il-bankina apparti li kull darba ikkisrulha it-tarġa fejn hemm

06.13.3 il-katusa tal-ilma li jgħaddi minnha l-ilma tax-xita mil-bitħa għal-barra. Il-Kunsilliera preżenti qablu li hemm bżonn li issir bollard.

Kwotazzjonijiet

Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet kwotazzjonijiet dwar xiri ta' *Dog Bin* fejn il-kunsilliera preżenti qablu mal-irħass offerta li jinxtara wieħed sabiex ikun *in stock* fl-i*store* tal-kunsill.

Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet kwotazzjonijiet dwar servizz ta' *handy man* fil-letrina ta' Santa Margherita u l-kunsilliera preżenti qablu ma l-irħas offerta.

Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet kwotazzjonijiet dwar akkwist ta' bibien tal-alluminium iżda l-kunsilliera preżenti ma qablux ma dawn l-offerti għaliex l-irħas offerta kienet dik ta' 3172 ewro bil-VAT b'kollox iżda għal issa ser jipruva jirrnaġaw dawk li hemm.

Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet kwotazzjonijiet dwar xiri ta' Pigeon Spikes sabiex inaqssu mil-ħamiem li jpoġġu fuq binjiet pubbliċi. Il-Kunsilliera prezenti qablu mal-irħas offerta u li għandhom jibdew jitpoġġew mal-binja tal-iskola.

Is-Sindku ressaq proposta sabiex tinxtara tifkira lil klabb tar-regatta ta' Bormla peress li dan ix-xahar rebħu u ġabu l-unur tax-xield ġewwa l-belt ta' Bormla. Il-Kunsilliera

06.13.4 preżenti qablu li għandha tinxtar dagħajsa tal-fidda tal-filugran u tingħata bħala tifkira mill-Kunsill Lokali ta' Bormla

Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet imejl minn għand il-festa ta' Bormla fl-14 ta' Marzu fejn qed jitolbu l-kunsill li jikollabora mal-għaqda tagħhom sabiex jinħietu l-pavaljuni. Is-Sindku is-Sur Marco Agius ħareġ mis-sala tal-kunsill fit 7:45pm sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett.

Il-Kunsilliera preżenti is-Sur Johan Scerri, is-Sur Martin Vella, is-Sinj Rita Gatt u l-viċi sindku is-sinj. Noyah Spiteri Hammett qablu li l-kunsill għandu jikkolabora u jħallas

06.14 parti mill-ħjata tal-pavaljuni tal-Ġimgħa Mqaddsa is-somma ta' 300 ewro.

**Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Id-Deputat segretarju eżekuttiv qalet lil kunsilliera preżenti waqt is-seduta, li l-imejls li baqa li jiġu diskussi ser tibgħathom b'imejl sabiex tingħata risposta b'imejl fejn jaqblu jew ma jaqblux.

Is-Seduta ntemmet fit-8:15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 12 t' April 2024 fl-4:30p.m

Konfermati, illum 12 t'April 2024

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| **Marco Agius** | **Graziella Gellel** |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |